MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2007

Numru 160/2002

**Il-Pulizija**
**(Supt. Alexandra Mamo)**

**v**

**Rosario Agius ta’ 47 sena bin Rosario u Carmela Desira, imwieled Ghaxaq fit-12 ta’ Novembru, 1956 u residenti Lelli, Numru 54, Triq il-Hareb, Ghaxaq, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 762556 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Rosario Agius li gie akkuzat talli f’dawn il-gzejjer, f’dawn l-ahhar snin, u cioe fid-9 ta’ Marzu, 2001 u/jew fil-jiem ta’ qabel u wara din id-data, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li

jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

(a) bil-hsieb li jaghmel hsara lil xi persuna, u cioe lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, akkuza lil din il-persuna quddiem awtorita' kompetenti b'reat, filwaqt li kien jaf li din il-persuna hija innocenti, bi ksur tal-artikolu 101(1) u 101 (2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) talli ddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq it-tracci ta' reat b'mod li setghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar, bi ksur ta' l-artikolu 110(2) tal-kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) bil-hsieb li jestorci flus jew xihaga ohra jew jaghmel xi qligh, jew bil-hsieb li jgieghel lil persuna ohra u cioe iggieghel lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni jesegwixxi, jiddistruggi, iqalleb, jew ibiddel testment jew obligazzjoni bil-miktub, titolu jew garanzija, hedded li taghmel denunzja jew kwerela kontra din il-persuna jew li jaghtiha malafama bhala hatja ta' reat jew ta' fatt li jtellef il-gieh tagha, bi ksur tal-artikolu 250(1) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
(d) Talli sar recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta datata 19/09/2000 liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat li l-akkuzat wiegeb li hu ma kienx hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu kif ukoll li darba esebit il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji li l-akkuzat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri.

Ikkonsidrat

Illi din l-kawza giet inizzjata minhabba ittra li allegatament l-akkuzat baghat lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni jipprotesta ruhu fuq xi kont tat-taxxa minnu rcevut u fejn fl-istess ittra allega li l-istess Kummissarju kien qieghed ikun ammistrattivament abbuziv. Kopja ta' din l-ittra ntbaghtet ukoll lill-Kummissarju tal-Pulizija kien fil-fatt ex officio lill-Kummissarju tal-Pulizija mexxa dawn il-proceduri kontra l-akkuzat odjern.

L-istess akkuzat muri l-ittra kkonferma li tali ittra kienet iffirmata minnu. Jispjega pero' li hu kien fi stadju ta' interrogazzjoni nnega dan kollu galadarba gharaf li l-indirizz fuq l-istess ittra ma kienx tieghu. L-imputat meta xehed viva voce spjega li hu ma kienx jaf jikteb u jaqra.

Kien fil-fatt ix-xhud certu Lino Grech li kiteb l-ittra mibghuta. Il-kontenut taghha fil-konfront ta' l-allegazzjonijiet fil-konfront tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni kien tali li Grech semgha minghand l-Avukat.

Ikkonsidrat

Certament din il-Qorti minn ezami ta' l-atti processwali, minn imkien ma jirrizulta il-mens rea necessarja biex jigi kostitwit wiehed mir-reati addebitati lill-akkuzat. Ghalkemm l-istess akkuzat iffirma l-ittra in kwistjoni ma jirrizultax illi huwa kellu intenzjoni li jmur oltre barra li jipprotesta ruhu fuq ir-re assessment li sar lilu. Di piu hemm indikazzjoni cara, u dan johrog ukoll mix-hieda ta' Lino Grech li din it-tip ta' ittra, anzi identika barra ghal isem tal-mittent (ghax l-indirizz jibqa' ta' terz iehor) intbaghtet l-istess Kummissarju tat-Taxxi Interni u ebda proceduri kriminali ma ttiehdu.

In vista ta' l-ezami ta' l-atti processwali u ta' dak premess din il-Qorti qeghda tillibera lil Rosario Agius mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------